# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Jannar, 2001 .

### Citazzjoni numru : 96/2000G1(PC)

**Francis Muscat .**

**Vs**

**Emanuel Portelli .**

**Il-Qorti :**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara illi ppremetta :**

**Illi l-konvenut b'ittra ufficjali datata ghaxra (10) ta' April, 2000, Dokument "A", ftahar li huwa l-proprjetarju assolut tar-raba maghrufa bhala "Tax-Xemmiex" ossija "ta' Prenja", fil-limiti tan-Nadur, ghawdex tal-kejl ta' cirka elf u mitejn metri kwadri (1,200m2) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Carmelo Vella, punent ma' beni tal-familja Portelli u lvant ma' beni tal-familja Muscat u Camilleri jew irjieh verjuri, provenjenti, skond hu, mill-wirt ta' ommu Lonza Muscat Portelli ;**

**Illi l-attur ghandu kull interess li jillibera ruhu minn din il-millantazzjoni tal-konvenut .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;**

**(1) tipprefiggilu terminu ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur sabiex jiddeduci fil-gudizzju din il-pretensjoni tieghu ; u**
**(2) ghaliex fil-kaz li ma jiddeduciex fit-terminu li jinghata lilu m'ghandux jigi lilu impost is-silenzju perpetwu billi jigi ghalhekk lilu impedut li qatt jipprocedi b'din il-pretensjoni immaginarja tieghu .**

**Bl-ispejjez inkluzi l-VAT u dawk tal-ittra ufficjali tal-hamsa (5) ta' Mejju, 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni debitament ingunt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-gurament skond il-ligi .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut illi ggib id-data tas-27 ta' Gunju tas-sena elfejn . Innutat illi minkejja l-kontumacja tal-konvenut, gie dikjarat mill-istess konvenut permezz tal-legali tieghu Dr. Giorgina Scicluna Bajada, waqt l-udjenza tal-lum, illi huwa pprezenta kawza quddiem din l-istess Qorti, citazzjoni numru 7/2001 fl-ismijiet "Emanuel Portelli kontra Francis Muscat" in konnessjoni mal-pretensjoni tieghu msemmija f'din ic-citazzjoni prezenti .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din id-dikjarazzjoni, wara li rat ukoll ic-citazzjoni imsemmija, 7/2001, fl-ismijiet "Emanuel Portelli -vs- Francis Muscat" imsemmija mill-legali ta' l-istess konvenut, u billi huwa jirrizulta minnu illi din il-kawza li giet ipprezentata tittratta l-pretensjoni tal-konvenut imsemmija f'din ic-citazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' din il-kawza, u wara li rat l-artiklu 412 tal-kapitlu 12, tal-ligijiet ta' Malta, liema artikolu jaqra *"illi jekk il-parti ppretendiet li ghandha l-jekk tipprova li fiz-zmien lilha moghti hija gabet 'il quddiem il-pretensjoni taghha, il-Qorti ma tiddecidix it-tieni talba migjuba fic-citazzjoni originali, u thalli d-decizjoni ta' l-ispejjez ghal kawza maghmula minn dik il-parti"* .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' dak li tipprovdi l-ligi f'dak l-artiklu, thalli d-decizjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza prezenti, sabiex jigi deciz flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza citazzjoni numru 7/2001 fl-ismijiet "Emanuel Portelli -vs- Francis Muscat" imsemmija .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S9600Pc
440